

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tqajjem aggravju wieħed ibbażat fuq żnaturament tal-fatti, żball manifest ta' evalwazzjoni u motivazzjoni żbaljata fid-dritt.

Fit-tieni aggravju imressaq quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti kienet invokat ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża skont l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fuq dan l-aggravju fil-punti 81 sa 94 tas-sentenza appellata.

L-appellanti tikkunsidra li l-konstatazzjonijiet li saru mill-Qorti Ġenerali huma materjalment mhux eżatti. Hija tikkunsidra li s-sentenza appellata hija vvizzjata minn żball ta' liġi u fiha żball manifest ta' evalwazzjoni, minħabba li, minn naħa, ir-regoli interni ma jistgħux jiġġustifikaw li ma tiġix osservata dispożizzjoni statutorja u min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni (DĠI) inkwistjoni ma jipprovdwx għal delegazzjoni tas-setgħat mill-Awtorità tal-Ħatra. Fl-aħħarnett, l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 4(4) tad-DĠI twassal għal dikjarazzjoni mhux eżatta ta' motivazzjoni żbaljata fid-dritt.

Appell ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2019 minn CC mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-13 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża T-248/17, RENV, CC vs Il-Parlament**(Kawża C-612/19 P)**

(2020/C 19/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Appellant: CC (rappreżentant: G. Maximini, Rechtsanwalt)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża T-248/17 RENV, bl-eċċezzjoni tal-punt 3 tad-dispożittiv marbut mal-ispejjeż;
- tikkundanna lill-Parlament għar-riżarċiment tad-danni morali u materjali subiti mir-rikorrent, skont il-metodu għall-kalkolu stabbilit fir-rikors promotur tiegħu F-9/12;
- tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant jitlob l-annullament tas-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża CC vs Il-Parlament, T-248/17 RENV (bl-eċċezzjoni tal-punt 3 tad-dispożittiv), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali kkundannat lill-Parlament iħallas lir-rikorrent l-ammont ta' EUR 6 000 u l-ispejjeż kollha, filwaqt li l-kumpliment tar-rikors ġie miċħud.

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka ħames motivi:

- ksur tal-Artikolu 106 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali – ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali – ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

- żbalji ta' liġi safejn il-Qorti Ġenerali ma adottatx il-miżuri istruttorji u ta' organizzazzjoni tal-proċedura mitluba;
- żnaturament tal-avviż tal-kompetizzjoni – ksur tas-sentenza ta' annullament – sostituzzjoni illegali ta' evalwazzjoni – ksur tal-Artikolu 1d(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;
- żball ta' liġi safejn il-Qorti Ġenerali eskudiet ċerti postijiet mill-evalwazzjoni tat-telf ta' opportunità;
- evalwazzjoni arbitrarja, żball ta' liġi, assenza ta' motivazzjoni, assenza ta' imparzjalità.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Alba Julia (ir-Rumanija) fit-30 ta' Awwissu 2019 – LN vs
Administrația Județeană a Finanțelor Publice Sibiu, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Brașov**

(Kawża C-655/19)

(2020/C 19/10)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Alba Julia

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: LN

Konvenuti: Administrația Județeană a Finanțelor Publice Sibiu, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Brașov

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾ jipprekludi li t-tranżazzjoni li permezz tagħha persuna taxxabli li, inkwantu kreditriċi, tikseb proprjetà immobbli maqbuda fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni forzata u, sussegwentement, tbigħ din il-proprjetà bil-għan li tirkupra l-ammont misluf tiġi kkunsidrata bħala attività ekonomika li tikkonsisti fl-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa?
- 2) Il-persuna li tkun wettqet l-imsemmija tranżazzjoni legali tista' titqies bħala persuna taxxabli fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/112?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2007, L 335, p. 60 u fil-ĠU 2018 L 329, p. 53.